MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

**MAGISTRAT DR.
PAUL COPPINI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2009

Avviz Numru. 7/2007

Jonathan Xuereb

vs

Paul Axiaq

Il-Qorti,

Rat l-Avviż li permezz tiegħu l-attur talab lill-konvenut jgħid għaliex m'għandux jiġi kkundannat minn din il-Qorti sabiex iħallas lill-attur is-somma ta' tlett elef lira Maltin (Lm3000) dovuti bħala bilanċ minn somma akbar dovuta minnu ai termini ta' ftehim li sar fl-erbatax (14) ta' Lulju tas-sena elfejn u ħamsa (2005).

Huwa mitlub iħallas ukoll l-imgħaxijiet dovuti fuq l-istess somma sad-data tal-effettiv pagamenti.

Innotat li l-konvenut, debitament notifikat bl-Avviż baqa' konumaċi.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tas-26 ta' Marzu 2009 fejn ġew ippreżentati l-kapitoli fil-konfront tal-konvenut.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-5 ta' Gunju 2009, fejn il-konvenut imsejjaħ tliet darbiet, naqas li jidher għal dik l-udjenza, u għalhekk infetħu l-kapitoli li ġew dikjarati ammessi skond il-liġi.
Rat il-verbal tagħha ta' l-istess ġurnata, fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-attur qed jitlob mingħand il-konvenut il-ħlas ta' somma ta' tlett elef lira maltija (Lm3000) dovuta lilu bħala bilanċ minn somma akbar.

Mill-affidavit ta' l-attur u d-dokument miegħu anness, irriżulta illi din is-somma qed tintalab bħala bilanċ minn somma ta' ħamest elef lira maltija (Lm5000) li l-konvenut kien intrabat li jagħtih bl-iskirittura ta' l-14 ta' Lulju 2005,[1] għar-raġunijiet hemmhekk indikati. Sa Novemrbu 2005, il-konvenut laħaq għamel erba' pagamenti ta' ħames mitt lira maltija (Lm500) l-wieħed,[2] imma rrifjuta li jħallas il-kumplament. Għalhekk saret il-kawża preżenti għall-ħlas ta' dan il-bilanċ u l-interessi relattivi sad-data tal-pagament effettiv.

Fuq ammissjoni tal-konvenut permezz tal-kapitoli li ġew ippreżentati fil-konfront tiegħu fl-udjenza tas-26 ta' Marzu 2009, ma jibqa' ebda raġuni għaliex it-talba attriċi m'għandhiex tintlaqa'.

---

[1] Dok. JX 1 a fol. 23 - 26 .
[2] Dok. JX 2 a fol. 27 .

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi tilqa' t-talba attriċi u tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attur is-somma ta' tlett elef lira maltija, ekwivalenti llum għal sitt elef disa' mija tmienja u tmenin ewro u tnax-il ċenteżmu (EUR6988.12).

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet relattivi minn Diċembru tas-sena elfejn u ħamsa (2005) sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------